**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 258**
**It-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2024 fl-4:30 p.m.**

**AĠENZIJA IDENTITÀ – EMAILS - AVERAGE WAITING TIME**

**18295. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-average waiting time biex email lill-Aġenzija Identità tiġi mwieġba, eskluż l-automatic reply li jintbagħat mis-sistema?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Abbażi tad-Direttiva 4-2 Standards għal Servizz ta' Eċċellenza Offruti mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u lill-Impjegati Pubbliċi talbiet għal assistenza li jaslu permezz ta' emails ikunu rikonoxxuti fi żmien 24 siegħa minn x'ħin jaslu.
Talbiet għal assistenza ta' każijiet kumplessi li jaslu permezz ta' emails jingħataw għajnuna fi żmien tlett ijiem, li jistgħu jiġu estiżi sa massimu ta' għaxart ijiem ta' xogħol.
Infurmat li l-Aġenzija Identità tagħmel dak kollu possibbli biex dan it-timeframe jkun onorat. Madankollu f'każijiet fejn ikun hemm aktar talbiet mis-soltu, jista' jkun hemm xi dewmien fil-provvista tal-informazzjoni jew assistenza mitluba.

Seduta 258
15/07/2024

**PERSUNI LI AKKWISTAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**18296. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna akkwistat iċ-ċittadinanza permezz tal-programm ta' investiment, u jipprovdi tali ammonti maqsuma skont in-nazzjonalità u s-snin ta' meta ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għar-rapporti tal-Uffiċċju tar-Regolatur (ORGCES) li tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra, wara li jkunu diskussi mill-Kumitat ta' moniteraġġ, provdut mill-Att dwar Iċ-Ċittadinanza.

Seduta 258
15/07/2024

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KIRJIET RESIDENZJALI REĠISTRATI**

**18297. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jindika kemm il-kirja residenzjali hemm reġistrata mal-Awtorità tad-Djar?

11/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KIRJIET RESIDENZJALI REĠISTRATI**

**18298. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-kirjiet residenzjali reġistrati mal-Awtorità tad-Djar huma Maltin u kemm hemm barranin, u jindika dan f'numru ta' residenti u mhux skont in-numru ta' kuntratti?

11/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**VETTURI "Y-PLATE"**

**18299. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jippreżenta informazzjoni dwar kemm-il Y plate ġdida ħarġet f'dawn l-aħħar sentejn, u jindika informazzjoni dwar it-tip u l-mudell tal-vettura li fuqhom ġew reġistrati?

11/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni dwar kemm-il Y plate ġdida ħarġet f'dawn l-aħħar sentejn qegħda tiġi provduta fit-tabella segwenti u qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bid-dettalji kollha meħtieġa.

| Kategorija | Total |
|---|---|
| L2E | 26 |
| M1 | 2521 |
| M2 | 176 |
| M3 | 24 |
| N1 | 2 |

Seduta 258
15/07/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA - MISSJONI TAL-UNJONI EWROPEA FIL-BAĦAR L-AĦMAR**

**18300. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta fil-missjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Baħar l-Aħmar? Jista' jipprovdi d-dettalji dwar x'kien l-iskop, u x'kien il-kontribut tal-Forzi Armati ta' Malta?

11/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fl-Operazzjoni ta' Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea, EUNAVFOR Operation Aspides, operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea li tipproteġi vapuri merkantili fil-Baħar l-Aħmar u li topera skont l-għanijiet ta' Riżoluzzjoni 2722 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda l-Forzi Armati ta' Malta bdiet tipparteċipa mill-aħħar ta' Mejju 2024, wara deċiżjoni tal-Kabinett, b'uffiċjal u suldat fil-Kwartieri Ġenerali tal-missjoni li tinsab fil-Greċja. Infurmat li ż-żewġ membri jokkupaw post li mhux eżekuttiv. Din id-deċiżjoni ttieħdet għaliex din il-missjoni li għandha impatt dirett fuq l-industrija marittima ta' Malta. Qabel din id-deċiżjoni, ingħata parir mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat li jiċċara li l-parteċipazzjoni ta' Malta f'din il-missjoni mhijiex kuntrarja għall-prinċipju tan-newtralità fil-Kostituzzjoni.
Seduta 258
15/07/2024

**SERVIZZ TAS-SAĦĦA – TCNS**

**19552. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabru flus għas-servizz tal-isptar mit-Third Country Nationals?

23/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17526.

Seduta 258
15/07/2024

**DIRETTUR ĠENERALI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA - SEJĦIET**

**19669. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta ħarġu sejħiet għal Direttur Ġenerali tal-Qrati fl-aħħar ħames snin? Jista' jagħti d-data għal kull sejħa?

28/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar ħames snin ma ħarġux sejħiet għal Direttur Ġenerali tal-Qrati, stante li d-dmirijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati ġew vestiti fil-Kap Eżekuttiv ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.34.

Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL KIRKOP - RESIDENZI TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**19694. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm residenti jgħixu attwalment f'residenzi ta' akkomodazzjoni soċjali f'Ħal Kirkop?

30/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL KIRKOP - TRIQ IL-KARWIJA - APPARTAMENTI ĠODDA**

**19695. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm se joqogħdu persuni fl-appartamenti l-ġodda li qegħdin jinbnew partikolarment fi Triq il-Karwija, f'Ħal Kirkop?

30/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ser jinbnew 90 unit fis-sit li jinsab fi Triq il-Karwija f'Ħal Kirkop.

Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL KIRKOP - TRIQ IL-KARWIJA U TRIQ TAŻ-ŻEBBIEGĦ - IMPACT ASSESSMENT**

**19696. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' impact assessment sar u dan kif se jimpatta lir-residenti preżenti ta' Triq il-Karwija u Triq taż-Żebbiegħ, f'Ħal Kirkop?

30/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**STABBILIMENTI TAL-IKEL - ĊITAZZJONIJIET**

**19697. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet lill-istabbilimenti tal-ikel li kellhom l-imwejjed jingombraw il-bankini mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u liema kienu l-lokalitajiet?

31/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat. L-entitajiet fil-Ministeru tal-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol huma dejjem disposti li jassistu lill-awtoritajiet u entitajiet responsabbli.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - EVENTS**

**19873. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li sabiex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - EVENTS**

**19874. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - EVENTS**

**19875. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tinġabar din l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - EVENTS**

**19876. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - EVENTS**

**19877. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru events organizzati mill-Ministeru u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub tinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 258
15/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - EVENTS**

**19878. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali,jgħid kemm saru events organizzati mill-istess Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tingħabar l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 258
15/07/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-PERIT MINTOFF - PJAN GĦALL-KONTROLLAT TAT-TRAFFIKU**

**20088. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jara li jittieħdu passi biex isir pjan aħjar għall-kontrollat tat-traffiku kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-11.00 a.m u t-3.00.p.m fil-parti ta' fuq ta' dik li kienet Triq Koradin li llum hija Triq il-Perit Mintoff, f'Raħal Ġdid, int u ħiereġ minn Għajn Dwieli?

18/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Ineterpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**SANTA LUĊIJA RUNNING TRACK – KURA TAL-PJANTI U SIĠAR**

**20089. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex jittieħdu l-passi neċessarji biex il-pjanti u s-siġar li hemm fl-hekk imsejħa "Santa Luċija Running Track" jiġu msoqqija u kkurati?

18/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija li t-tisqija qed issir kif meħtieġ permezz ta' bowsers u li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji għal sistema ġdida ta' irrigazzjoni.

Seduta 258
15/07/2024

**SANTA LUĊIJA RUNNING TRACK – KURA TAL-PJANTI U SIĠAR**

**20090. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk humiex jittieħdu l-passi neċessarji biex il-pjanti u s-siġar li hemm fl-hekk imsejħa "Santa Luċija Running Track" jiġu msoqqija u kkurati?

18/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**SANTA LUĊIJA RUNNING TRACK - KURA TAL-PJANTI U SIĠAR**

**20091. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex jittieħdu l-passi neċessarji biex il-pjanti u s-siġar li hemm fl-hekk imsejħa "Santa Luċija Running Track" jiġu msoqqija u kkurati?

18/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-FGURA - TRIQ L-ISKOLA - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**20092. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jikkonferma li daħlu rapporti ta' rwejjaħ jintnu fi Triq l-Iskola, il-Fgura, u jgħid x'passi ttieħdu dwar dan?

18/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li dawn l-irwejjaħ kienu minħabba li ġiet iffertillizzata (imdemla) l-għalqa fil-viċin.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-FGURA - TRIQ L-ISKOLA - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**20093. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jikkonferma li daħlu rapporti ta' rwejjaħ jintnu fi Triq l-Iskola, il-Fgura, u jgħid x'passi ttieħdu dwar dan?

18/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ma rċieva l-ebda lment relatat ma' rwejjaħ jintnu fit-Triq indikata mis-sena li għaddiet sa llum.
Minn wara li saret din il-mistoqija parlamentari, uffiċjali mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali xorta għamlu spezzjoni ġo din it-Triq iżda ma ġewx innutati rwejjaħ, kif ukoll ma kien hemm ebda żbroff ta' xi ilma maħmuġ jew drenaġġ li jista` jikkawża rwejjaħ jintnu u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jittieħdu passi ulterjuri.
Nappella lill-Onor. Interpellant li jekk għandu xi lment/i dan jgħaddihomli, ħalli d-dipartiment għas-Saħħa Ambjentali jkompli jinvestiga.

Seduta 258
15/07/2024

**GĦAWDEX - IN-NADUR U R-RABAT - XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**20227. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu l-pjanijiet u meta hu maħsub li tinbena mill-ġdid it-triq li twassal min-Nadur għar-Rabat li l-aħħar li saret kien fl-1988 u issa waslet biex tinbena mill-ġdid? Jista' jgħid jekk hemmx pjanijiet li din issir fis-sena 2024? Jekk le, jista' jgħid jekk sarux rapporti dwar l-istat ta' din it-triq u jekk iva min għamilhom u jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li huwa konxju li din it-triq qiegħda tiddeterjora, mhux maħsub li jibda xogħol fuqha din is-sena. Prezentament għaddej ix-xogħol preparatorju sabiex jibda x-xogħol fuq it-triq li mill-Qala twassal għan-Nadur.

Seduta 258
15/07/2024

**IR-RABAT/IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX - TRIQ L-IMGĦALLEM - XOGĦLIJIET**

**20228. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub (jindika xahar u sena) li se jitkomplew isiru l-crash barriers fi Triq l-Imgħallem, ħdejn il-Wied tas-Salve Reġina peress li m'hemmx ilqugħ ta' protezzjoni li jifred dan il-wied mit-triq?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn l-ilqugħ se jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 258
15/07/2024

**MUŻEW TA' GĦAWDEX – XOGĦLIJIET ARTISTIĊI**

**20229. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet artistiċi ġew akkwistati għall-Mużew ta' Għawdex matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024 u kemm intefqu flus?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella tal-akkwisti li saru matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024.

Seduta 258
15/07/2024

**IX-XEWKIJA GĦAWDEX - KORSA TAŻ-ŻWIEMEL TA' XĦAJMA - BINI MILL-ĠDID TAL-ISTALEL**

**20230. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-istalel taż-żwiemel u manure clamp fil-Korsa taż-Żwiemel Ta' Xħajma, ix-Xewkija, Għawdex?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għandu applikazzjoni waħda mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA3364/23) għall-bini ta' stalel taż-żwiemel li għadha pendenti.

Seduta 258
15/07/2024

**GĦAWDEX - XOGĦLIJIET FUQ LATRINI**

**20231. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema latrini f'Għawdex huwa ppjanat li jsirilhom refurbishment u f'liema xahar, matul is-sena 2024? Jista' jgħid ukoll meta se jitlesta x-xogħol fuqhom, fejn jinsabu, fiex jikkonsisti x-xogħol u kemm hi ppjanata li tkun l-ispiża?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mistenni li jibda x-xogħol fuq żewġ latrini wara li jkun għadda l-istagun tas-sajf.

Seduta 258
15/07/2024

**MARSALFORN GĦAWDEX – TRIQ IL-QBAJJAR – XOGĦLIJIET**

**20232. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jsir ix-xogħol fuq il-bini mill-ġdid u/jew resurfacing ta' Triq il-Qbajjar kollha, f'Marsalforn, u jikkonferma li dan ix-xogħol se jsir u jitlesta minn kollox sa tmiem is-sena 2024?

21/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol li diġà sar u ser ikompli jsir fi Triq il-Qbajjar huwa xogħol mill-Korporazzjoni tal-Enemalta.

Seduta 258
15/07/2024

**KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA – ŻMIEN MEDJU**

**20424. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu ż-żmien medju minn meta tibda sakemm tinqata' l-kawża finali (bl-appell) dwar vjolenza domestika?

01/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx statistika kif mitlub.

Seduta 258
15/07/2024

**BORD DWAR IL-PROFESSJONI TAX-XOGĦOL SOĊJALI – ILMENTI**

**20425. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**BORD DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOLOĠIJA TA' MALTA**

**20426. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija ta' Malta, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**KUNSILL GĦALL-PROFESSJONI TAL-COUNSELLING - ILMENTI**

**20427. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Kunsill għall-Professjoni tal-Counselling, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**BORD DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOTERAPIJA - ILMENTI**

**20428. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoterapija, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**BORD DWAR IL-PROFESSJONI TAX-XOGĦOL MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA - ILMENTI**

**20429. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Bord dwar il-Professjoni tax-xogħol maż-Żgħażagħ f'Malta, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20533. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru wieġeb il-mistoqsija parlamentari 20118 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinhargu kif approvati centralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20534. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20119 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinhargu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20535. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20120 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinhargu kif approvati centralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20536. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20121 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinħarġu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettiv.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20537. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20122 u jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2024 u t-8 ta' Ġunju 2024? F'liema grad/skala kienu u f'liema grad/skala tpoġġew?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinħarġu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettiv.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-BIRGU – PROĠETT TAL-PJAZZA**

**20556. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta l-proġett tal-Pjazza tal-Birgu se jkun kompletament lest? X'miżuri ser jittieħdu biex jiġi salvagwardjat ix-xelter? In vista wkoll li l-festi ġew rikonoxxuti bħala wirt intanġibbli tal-UNESCO, x'miżuri ser jittieħdu sabiex il-proġett propost ma jtellifx l-attivitajiet taż-żewġ festi u l-armar li jintrama għalihom? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex jiżdiedu l-parkeġġi fil-viċin in vista li l-pjanta proposta ser tneħħi l-parking spaces eżistenti?

03/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**ATLETI TA' LIVELL NAZZJONALI - SKEMI JEW GĦAJNUNIET**

**20579. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministu jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20337 u jgħid xi skemi jew għajnuniet hemm ipprovduti jew ippjanati rigward atleti ta' livell nazzjonali li jattendu xi istituzzjoni postsekondarja?

03/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**TA' QALI - CONCERT AREA**

**20580. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20340 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u tgħid x'kienet ir-raġuni li l-ewwel kunċert li ġie organizzat (il-kunċert ta' Ed Sheeran) wara li saret il-concert area f'Ta' Qali, sar f'żona oħra ta' Ta' Qali u mhux f'dan is-sit?

03/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**TA' QALI - CONCERT AREA**

**20581. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20340 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid x'kienet ir-raġuni li l-ewwel kunċert li ġie organizzat (il-kunċert ta' Ed Sheeran) wara li saret il-concert area f'Ta' Qali, sar f'żona oħra ta' Ta' Qali u mhux f'dan is-sit?

03/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**TA' QALI - CONCERT AREA**

**20582. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20340 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid x'kienet ir-raġuni li l-ewwel kunċert li ġie organizzat (il-kunċert ta' Ed Sheeran) wara li saret il-concert area f'Ta' Qali, sar f'żona oħra ta' Ta' Qali u mhux f'dan is-sit?

03/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-għażla tal-post għall-kunċert ta' Ed Sheeran kienet deċiżjoni tal-kumpanija privata responsabbli mill-organizazzjoni tal-kunċert. Id-deċiżjoni u l-organizazzjoni ta' fejn isir il-kunċert ta' Ed Sheeran, kienet ferm qabel id-data tal-inawgurazzjoni tal-Concert Area f'Mejju li għadda.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-BELT VALLETTA - XOGĦLIJIET**

**20592. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li jitneħħa l-konkos/materjal wara li jitlesta x-xogħol li qed isir fuq il-blat tal-Fossa fil-Belt Valletta sabiex ikun hemm aċċess liberu għall-inġenji neċessarji biex isir ix-xogħol fuq il-Breakwater tal-Port il-Kbir, u ż-żona terġa lura għall-istat naturali tagħha? Jista' jikkonferma wkoll li mhux ser isiru strutturi ta' gabbani jew ta' xi tip ieħor, temporanji jew permanenti, wara li jitlesta x-xogħol f'din iż-żona?

04/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda pjanijiet għall-strutturi temporanji jew permanenti fiż-żona. Ix-xogħol li ser isir hu purament relatat mal-formazzjoni ta' l-aċċess għall-breakwater biex tkun tista' tissewwa l-ħsara kkaġunata mill-maltemp. Tajjeb ninnutaw li interventi simili ilhom isiru snin. Li kieku ma jsirux jkun hemm riskju ta' ħsara irriparabli fuq il-breakwater. Sa ftit żmien ilu l-aċċess kien għadu tajjeb għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' illivellar ta' l-art.
Nikkonferma li ż-żona ser titnaddaf mill-materjal la darba t-tiswija tkun lesta.

Seduta 258
15/07/2024

**SKART PIROTEKNIKU - RIMI**

**20613. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy jew il-prassi relatata ma' rimi ta' skart piroteknikul?

05/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi r-rimi ta' materjal ta' skart piroteknikul jsir permezz ta' inċinerazzjoni ta' nar ikkontrollat fl-apert permezz ta' ħuġġieġa. Dan l-iskart piroteknikul għandu jinħaraq b'mod li ma jkunx *'confined'* sabiex tiġi evitata splużjoni prematura. Il-'*licencee'* tal-kumpless, ċioè l-persuna responsabbli mill-ġestjoni tal-kamra tan-nar jew d-detenturi tal-Liċenzja A, jingħataw struzzjonijiet li kull meta jsir rimi ta' skart piroteknikul, għandhom jinnotifikaw lill-Korp tal-Pulizija u lill-Protezzjoni Ċivili ta' Malta kemm qabel kif ukoll wara l-eżekuzzjoni tal-imsemmija proċedura.

Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn l-imsemmi skart jiġi distrutt fil-viċinanzi tal-kumpless tal-logħob tan-nar minħabba d-daqs limitat tal-kumpless tal-logħob tan-nar innifsu, u dan peress li d-distruzzjoni ta' materjal piroteknikul fil-konfini tal-kumpless tan-nar jista' joħloq periklu sinjifikanti lill-kumpless tal-logħob tan-nar innifsu.

Id-direttiva dwar ir-rimi ta' materjal ta' skart piroteknikul hija regolata permezz tar-Regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03.

Seduta 258
15/07/2024

**SPEĊI TA' GĦASAFAR IMPORTATI**

**20633. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm, matul dawn l-aħħar ħames snin, ġew importati speċi ta' għasafar, rettili u annimali oħra li huma mħarsa mill-Convention of International Trade of Wild Fauna and Flora (CITES) u għalhekk kellhom bżonn ċertifikati tas-CITES, minn liema pajjiżi ġew importati, ta' liema speċi kienu dawn, u kemm kien hemm eżemplari minn kull speċi importata?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellana li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni dwar l-eżemplari ta' annimali elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni CITES, li ġew importati f'Malta minn Jannar tal-2019 sa Ġunju li għadda minn pajjiżi li jinsabu barra mill-Unjoni Ewropea. It-tranżazzjonijiet tal-importazzjoni tal-eżemplari kollha msemmija huma koperti b'permessi u b'notifiċi maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) skont il-provvedimenti tal-Konvenzjoni CITES.

Seduta 258
15/07/2024

**PROJECT GREEN - LISTA TA' PROĠETTI**

**20634. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 19689 u telenka lista tal-proġetti kollha ta' Project Green biex siti jiġu riġenerati fi spazji ħodor, li bdew u tlestew, dawk li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet li għadhom pendenti, kif ukoll dawk li għadhom fi stadju ta' ppjanar u/jew konsultazzjoni? Tista' tinkludi wkoll informazzjoni meta dawn bdew, meta tlestew (jekk tlestew), f'każ li għadhom pendenti meta huwa mistenni li jitlestew, kemm swew jew se jiswew, il-lokalità u post fejn jinsabu, u deskrizzjoni qasira dwar kull proġett?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green tamministra l-proġetti ambjentali li jvarjaw minn dawk ta' skala nazzjonali bħal parks u proġetti ta' afforestazzjoni għal oħrajn fil-komunità, bħalma huma ġonna ġodda u proġetti oħrajn ta' tħaddir fil-lokalitajiet. Fil-każ tal-ħolqien ta' spazji miftuħa f'żoni urbani l-għan huwa li dawn ikunu jintlaħqu mill-familji fi ftit minuti mixi mid-djar tagħhom.

Apparti t-tisħiħ tal-biodiversità bit-tħawwil ta' siġar u arbuxelli kif ukoll sistemi ta' irrigazzjoni għat-tisqija tagħhom, il-proġetti fejn ikun possibbli jkunu jinkludu faċilitajiet varji bħal spazji għal picnics u rilassament, logħob għat-tfal b'materjal sostenibbli, apparat ta' taħriġ fiżiku, u art magħmula minn materjal permeabbli. Ix-xogħlijiet isiru bi prattiċi u materjali sostenibbli, filwaqt li tkun assigurta l-aċċessibiltà għal kulħadd. Project Green tagħmel ukoll xogħol ta' riġenerazzjoni fil-widien, fost oħrajn bit-tneħħija ta' speċi invażivi u l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ biex tiġi protetta l-ħamrija. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba dwar il-proġetti li diġà saru mill-aġenzija, kif ukoll dawk li qed jiġu implimentati bħalissa u oħrajn li hemm ippjanati.

Seduta 258
15/07/2024

**IR-RABAT (MALTA) - ĠNIEN TA' SAN DUMINKU - CHARGING STATION**

**20635. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjanijiet biex issir stazzjon tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi ħdejn il-ġnien ta' San Duminku r-Rabat, Malta, biex jaqdi liż-żoni tal-madwar?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għalkemm m'hemmx approvat stazzjon tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi fil-Pjazza ta' San Duminku r-Rabat, hemm pjanijiet għal stazzjon fil-qrib fl-ewwel parti ta' Triq il-Buskett. L-applikazzjoni għal dan l-istazzjon ġiet sottomessa lil Transport Malta.

Seduta 258
15/07/2024

**LIGHT POLLUTION POLICY**

**20636. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17608 u 17798 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16322, tista' l-Ministru tgħid jekk inġabritx l-informazzjoni neċessarja mill-entitajiet varji sabiex tkun ippublikata l-policy dwar light pollution li ħarġet għall-konsultazzjoni pubblika fl-2020 u wara erba' snin għadha ma ġietx ippubblikata?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni nġabret mill-entitajiet differenti. Bħalissa qed jiġi emendat id-dokument ta' linji gwida li ħareġ għal konsultazzjoni pubblika biex ikunu indirizzati l-kummenti li daħlu mill-entitajiet differenti u mill-pubbliku waqt din il-konsultazzjoni bil-għan li d-dokument finali jkun jista' jiġi pubblikat fl-iqsar żmien.

Seduta 258
15/07/2024

**LUKANDA - PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI**

**20637. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19161 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18592 rigward il-proċeduri ġudizzjarji pendenti dwar is-sit tal-lukanda li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jagħti l-okkju, in-numru tar-rikors, u jgħid quddiem liema Qorti għaddejjin il-proċeduri msemmija?

05/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**FONDI - SKEMA GĦAL TĦAWWIL TA' SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ U LARINĠ**

**20638. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsilli Lokali li jkunu eleġibbli għall-fondi mill-iskema varata biex Kunsilli Lokali jħawlu siġar tal-larinġ u taż-żebbuġ fil-lokalitajiet, humiex se jibbenefikaw minn fondi ulterjuri għall-manutenzjoni tal-istess siġar?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - SITI STORIĊI LI HUMA FIR-RESPONSABBILTÀ TA' HERITAGE MALTA**

**20644. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-siti storiċi fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar, li huma fir-responsabbiltà ta' Heritage Malta?

05/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li San Pawl Milqi huwa sit storiku fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar li huwa fir-responsabbiltà ta' Heritage Malta.

Seduta 258
15/07/2024

**TURIŻMU – ĦADDIEMA BARRANIN MINN BARRA L-UNJONI EWROPEA**

**20645. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' ħaddiema barranin minn barra l-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu?

08/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus n-numru ta' ħaddiema barranin minn barra l-Unjoni Ewropea li qed jaħdmu fis-settur tal-*Akkomodazzjoniu attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikelu xorb*fuq bażi ta' *full-time* u *part-time* bħala xogħol ewlieni tagħhom, fl-aħħar ta' Jannar 2024.huwa ta' 13,239.(L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Jannar 2024).

| Kodiċi Nace | Isem ta' Nace | Total |
|---|---|---|
| 55 | Akkomodazzjoni | 4,867 |
| 56 | Servizzi marbuta mal-ikel u xorb | 8,372 |
| **Total** | | **13,239** |

Seduta 258
15/07/2024

**MOBILE KIOSKS LIĊENZJATI**

**20646. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn mobile kiosks liċenzjati f'Malta u f'Għawdex?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat

Seduta 258
15/07/2024

**RISTORANTI LIĊENZJATI**

**20647. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn ristoranti liċenzjati hawn Malta? Jista' jgħid ukoll kemm huwa s-seating capacity totali awtorizzat ta' dawn ir-ristoranti?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-FURJANA - TRIQ SANT'ANNA**

**20648. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika f'liema stadju waslu l-istudji dwar il-proposta mħabbra mill-Gvern qabel l-Elezzjoni Ġenerali 2022 li Triq Sant'Anna, fil-Furjana, tiġi pedonali?

08/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**ECO-CONTRIBUTION**

**20649. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-ammont ta' 'eco-contribution' li nġabret, mid-data tal-introduzzjoni tagħha fl-2016 sal-aħħar tal-2023, applikabbli taħt it-Tieni Skeda (Artikolu 3(1)) tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta u x'użu sar mill-ammont miġbur?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat, nirreferih ukoll għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7841 u 12581.

Seduta 258
15/07/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – MIŻURI TA' INFURZAR**

**20650. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7445, jista' l-Ministru jgħid kemm-il miżura ta' infurzar inħarġet mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fis-snin 2021, 2022 u 2023?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.
Seduta 258
15/07/2024

**FILM QASIR BL-ISEM 'ONCE UPON A TIME IN MALTA'**

**20655. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għall-film qasir li ħadu sehem fih il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid jekk id-direttur għal dan il-film qasir bl-isem 'Once upon a time in Malta', kienx Malti jew barrani? Jista' jgħid ukoll l-isem ta' dan id-direttur u ċ-ċifra ta' kemm tħallas? Jista' jipprovdi lista tal-ispejjeż kollha (break down costs) għal dan il-film qasir ta' għaxar minuti?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**IL-BELT, VALLETTA – PJAZZA SAN ĠORĠ – VALLETA GREEN FESTIVAL**

**20656. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa' b'kollox il-Valletta Green Festival fi Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta u jipprovdi lista tal-ispejjeż kollha (break down costs)?

08/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-ispiża involuta kif mgħoddija lili mill-Valletta Cultural Agency.

Seduta 258
15/07/2024

**BINI TA' ARKIVJU NAZZJONALI ĠDID**

**20657. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20308 u l-wegħda elettorali tal-Gvern preżenti li jlesti l-bini ta' Arkivju Nazzjonali ġdid tul din il-leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jitlesta dan il-proġett?

08/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20308.

Seduta 258
15/07/2024

**TEST TAS-SEWQAN - FAILURE RATE**

**20658. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet ir-rata ta' persuni li m'għaddewx it-test tas-sewqan ta' kull kategorija (B, D, eċċ.), bejn l-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**TEST TAS-SEWQAN - EŻAMINATURI**

**20659. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm eżaminaturi tat-testijiet tas-sewqan għal kull kategorija?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi provduta permezz tal-punti segwenti:

Kategorija A – 9 eżaminaturi
Kategorija B – 14 eżaminaturi
Kategorija C – 10 eżaminaturi
Kategorija D – 9 eżaminaturi
Kategorija C+E – 5 eżaminaturi

Seduta 258
15/07/2024

**EŻAMINATURI TAT-TEST TAS-SEWQAN - FAILURE RATE**

**20660. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi r-rata ta' persuni li m'għaddewx għal kull eżaminatur tat-test tas-sewqan (mingħajr ma jiżvela l-isem tal-eżaminatur), għal kull kategorija ta' vetturi, minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.
Seduta 258
15/07/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – SALA ST JOSEPH 5 - INTERNET**

**20661. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'ser ikun qed isir biex il-problema tal-internet fis-Sala St Joseph 5, fil-Faċilità San Vincenz de Paul tissolva darba għal dejjem? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-kawża ta' dan in-nuqqas ta' servizz, x'qed jagħmel biex tissolva din il-problema u għaliex dan id-dewmien kollu biex tissolva?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-ġimgħat li għaddew, il-problema tal-internet fl-imsemmija sala ssolviet darba għal dejjem u llum, ir-residenti qegħdin igawdu minn dan is-servizz.
Seduta 258
15/07/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL - COVID**

**20662. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' COVID fil-Faċilità San Vincenz de Paul illum? Jista' jgħid ukoll fejn qegħdin jinżammu l-anzjani li jkunu morda bil-COVID?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'San Vinċenz de Paul bħalissa hemm 27 resident bil-Covid 19. Kull pazjent li jiġi pożittiv għall-Covid, jiġi iżolat f'sala identifikata apposta f'San Vinċenz de Paul u jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa.

Seduta 258
15/07/2024

**MALTA FILM COMMISSION**

**20663. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha tagħti flus il-Kummissjoni Maltija tal-Films u lil min?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni, bħal kull entità/intrapriża oħra, ikollha ammonti ta' pagamenti li għandha tagħmel. Dak kollu li hu dovut, jitħallas skont l-arranġamenti ta' ħlas li l-Kummissjoni Maltija tal-Films tkun għamlet.

Seduta 258
15/07/2024

**JOBSPLUS - FOOD COURIERS IRREĠISTRATI**

**20664. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm food couriers reġistrati ma' Jobsplus sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn huma Maltin u kemm huma barranin?

08/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat minn Jobsplus li statistika marbuta mal-impjiegi tinħareġ skont il-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08). Din il-Klassifika toħroġ mil-Kummissjoni Ewropea (2009/824/KE), li ghandha titli differenti minn 'food couriers'.

Skont l-istatistika li tinġabar minn Jobsplus, hemm tliet titli fil-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi li wieħed jista' ju¿a biex jindika xogħol ta' 'food couriers' jew 'couriers'. Madanakollu, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni uffiċjali ta' dan l-impjieg, id-dejta ppreżentata ma tfissirx neċessarjament li dawn il-ħaddiema kollha huma 'food couriers'.

It-tliet impjiegi skont il-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi li ġew meqjusa għal din ir-risposta huma:
8321: Sewwieqa tal-mutur
8322: Sewwieqa tal-karozza, vann jew mutur
9621: Messaġġiera, dawk li jqassmu l-pakketti u dawk li jaħdmu fil-portinerija u jġorru l-bagalji.

Sa Jannar tal-2024 (l-aħħar ċifri ppublikati), kien hemm 3,617 -il ħaddiem f'wieħed minn dawn l-impjiegi. 569 huma Maltin, 221 ġejjin minn pajjiż tal-Unjoni Ewropea, u 2,827 ġejjin minn pajjiżi terzi.

Seduta 258
15/07/2024

**AIMS - KLABBS U ASSOĊJAZZJONIJIET REĠISTRATI**

**20665. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min huma u kemm hemm klabbs u assoċjazzjonijiet li huma reġistrati mal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) skont il-liġi, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li bħalissa n-numru ta' għaqdiet sportivi reġistrati jinsabu hawn taħt;
Federazzjonijiet – 7
Assoċjazzjonijiet – 71
Klabbs – 272

Seduta 258
15/07/2024

**Ħ'ATTARD – TRIQ VICTOR VASSALLI - XOGĦLIJIET**

**20666. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu t-timeframe biex titlesta Triq Victor Vassalli f'Ħ'Attard?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tinghata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**BACLOFEN PUMPS**

**20667. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ordnati Baclofen pumps u meta ġew ordnati?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal-liema perjodu qed jirreferi.

Seduta 258
15/07/2024

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA - KUNTRATT**

**20668. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt il-ġdid (jew li għadu kif ġie mġedded) tal-Kummissarju tal-Pulizija?

08/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**TRANSPORT SAFETY COMMISSION**

**20685. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li titwaqqaf it-Transport Safety Commission, biex twettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa dwar is-sigurtà fit-trasport u t-traffiku f'Malta?

08/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern ħa l-inizjattiva u ħabbar l-intenzjoni biex titwaqqaf it-Transport Safety Invesitgation Commission, għax jemmen u jirrikonoxxi l-importanza u l-potenzjal tal-investigazzjonijiet tas-sigurta' fit-trasport. Il-pjan allura huwa li l-Gvern ikompli jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji biex l-investigazzjonijiet tas-sigurta', kif ukoll dawk ġudizjarji, jkunu jistgħu jaħdmu speratament imma b'mod parallell, mingħajr ma l-ebda investigazzjoni xxekkel lil oħra. Huwa mistenni li fl-istanza li t-teknikalitajiet legali kollha jiġu ndirizzati u riżolti mal-partijiet kollha kkonċernati, l-Gvern ikun jista' jidħol fil-fażi li jmiss biex titwaqqaf il-Kummissjoni.

Seduta 258
15/07/2024

**AWTORITÀ TAD-DJAR – RESIDENZI LI ĠEW ALLOKATI**

**20686. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm familji jew persuni waħedhom (single) ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 (sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari) separatament għal kull sena? Jista' jgħid ukoll kemm-il persuna ġiet akkomodata hekk kull sena?

08/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - AWTORITÀ TAD-DJAR - RESIDENZI LI ĠEW ALLOKATI**

**20687. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm familji jew persuni waħedhom (single) ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 (sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari) separatament għal kull sena fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar (u l-konfini tagħha)? Jista' jgħid ukoll kemm-il persuna ġiet akkomodata hekk kull sena?

08/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - AWTORITÀ TAD-DJAR - RESIDENZI LI ĠEW ALLOKATI**

**20688. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm familji jew persuni waħedhom (single) ġew allokati residenza mill-Awtorità tad-Djar matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 (sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari) separatament għal kull sena u li kienu mniżżla bħala residenti fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar (u l-konfini tagħha) meta għamlu applikazzjoni għall-istess residenza? Jista' jgħid ukoll kemm-il persuna ġiet akkomodata hekk kull sena?

08/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**BAJJIET - GĦAWM MILL-KLIEB**

**20689. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-bajjiet għas-sena 2024 li fihom jistgħu jinżlu jgħumu l-klieb u f'liema perjodu hu permissibli li dan isir? Jista' jgħid ukoll x'tabella jew tabelli twaħħlu fuq dawn il-bajjiet u min hu responsabbli biex jitwaħħlu t-tabelli ta' 'no dogs allowed'?

08/07/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għall-informazzjoni kif deskritta sussegwentement.

**Malta**

- Bajja viċin is-*Sailing Club*, Birżebbuġa
- Il-Bajja tar-Rinella, Kalkara
- L-Ilsien (Żonqor Point), Wied il-Għajn
- Il-Bajja ta' San Tumas, Wied il-Għajn
- Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk
- Daħlet ix-Xmajjar, Mellieħa
- Ramlet it-Torri, Mellieħa
- Bajja tal-Imġiebaħ Selmun, Mellieħa
- Ir-Ramla ta' Wied Musa, Ċirkewwa, Mellieħa
- Ramlet il-Qortin, Mellieħa
- Baħar iċ-Ċagħaq (wara Splash and Fun), Naxxar
- Tigne' Point, Sliema

**Għawdex**

- Il-Bajja ta' Gorgun, Mġarr, Għawdex
- Ras il-Ħobż, Mġarr ix-Xini, Sannat, Għawdex
- Il-Bajja tad-Dwejra. San Lawrenz, Għawdex
- Il-Bajja tal-Qbajjar, Żebbuġ, Għawdex

Dawn il-bajjiet huma awtorizzati biex fihom jistgħu jgħumu l-klieb biss u mhux speċi ta' annimali oħra. L-użu ta' dawn il-bajjiet hu permissibbli s-sena kollha mingħajr restrizzjonijiet għal xi perijodu definit. Dwar min hu responsabbli biex jitwaħħlu t-tabelli ta' 'no dogs allowed', nitolbok sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**MCAST - DEGREE FIS-SOCIAL WORK**

**20691. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Degree fis-Social Work tal-MCAST hux se jibda f'Ottubru li ġej?

08/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kors imsemmi ser jibda' jingħata f'Ottubru li ġej.

Seduta 258
15/07/2024

**GĦAWDEX - ECO-CONTRIBUTION**

**20708. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabret eco-contribution minn Għawdex matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma sena b'sena?

09/07/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant illi għall-informazzjoni tas-snin 2021 u 2022 jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9271.

Għas-snin 2023 u 2024 (sal-11 ta' Lulju 2024) l-informazzjoni hi skont it-tabella hawn taħt:

| SENA | EKO-KONTRIBUZZJONI MIĠBURA MIN GĦAWDEX |
|---|---|
| 2023 | € 275,674.00 |
| 2024 | € 96,984.50 *(sal-11 ta' Lulju 2024) |

Seduta 258
15/07/2024

**SOCIAL WORKERS**

**20709. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20508, u peress li hemm diskrepanza sinifikanti bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-social workers impjegati mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u dawk impjegati mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jista' l-Ministru jara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-social workers impjegati mal-Ministeru tal-Edukazzjoni jittranġaw biex ikunu ugwali għas-social workers impjegati mal-FSWS?

09/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**SOCIAL WORKERS**

**20710. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20507, u peress li hemm diskrepanza sinifikanti bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-social workers impjegati mal-Ministeru tas-Saħħa u dawk impjegati mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jista' l-Ministru jara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-social workers impjegati mal-Ministeru tas-Saħħa jittranġaw biex ikunu ugwali għas-social workers impjegati mal-FSWS?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma regolati bi ftehmiet settorjali li jiġu negozjati ċentralment.

Seduta 258
15/07/2024

**SOCIAL WORKERS - FTEHIM**

**20711. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20505, u peress li hemm ftehim bejn il-Ministeru tiegħu u l-Fondazzjoni għas-Servizz ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) biex il-Fondazzjoni tipprovdi social workers lill-Ministeru tas-Saħħa, u peress li dan huwa ftehim tal-Ministeru tas-Saħħa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim tal-Ministeru tas-Saħħa mal-FSWS li jirregola kif social workers impjegati mal-FSWS jagħtu servizzi fil-Ministeru tas-Saħħa?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**MALTA ENTERPRISE – INVESTIMENT TA’ €500,000**

**20714. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20460 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol u jgħid jekk l-investiment ta’ €500,000 huwiex meħtieġ basta l-kumpanija tkun qed tipparteċipa f’investiment skont skema ta’ Malta Enterprise?

09/07/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - XOGĦOL TA’ REFURBISHMENT**

**20715. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20515 u jagħti elenku tal-ispejjeż li ntefqu fuq xogħol ta’ refurbishment fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn Jannar 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' f'kull każ jgħid kemm kienet l-ispiża tax-xogħol, fiex kien jikkonsisti x-xogħol, min għamel ix-xogħol, u jekk dan ix-xogħol ingħatax b'direct order, quotations, tender jew mod ieħor?

09/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fil-perjodu msemmi saret spiża ta’ €615,844.54 fuq diversi xogħlijiet fil-Berġa ta’Kastilja. Primarjament sar xogħol ta’ konservazzjoni u preservazzjoni taż-żewġ swali prinċipali; dawk tas-sala tal-Ambaxxaturi u dik tal-Kabinett. Liema interventi kienu jinkludu wkoll xogħlijiet fuq il-bejt biex ma tibqax ssir aktar ħsara kull darba meta tagħmel ix-xita. Flimkien ma dawn saru wkoll interventi oħra skont il-ħtieġa tal-istess binja. Ċert li l-Onor. Interpellant japprezza l-fatt li post bħal ma hija l-Berġa ta’ Kastilja li għandha grad nru 1 tal-iskedar tal-partimonju Malti teħtieg diversi interventi ta' manutenzjoni tal-ogħla kwalità biex tinżamm fl-istat uniku tagħha.

Seduta 258
15/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - PETTY CASH - INFIQ**

**20716. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20516 u jagħti elenku tal-infiq li sar bil-petty cash mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bejn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li n-nefqa tal-petty cash fil-perjodu bejn Jannar 2022 sal-ġurnata tal-lum mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kienet tammonta għall-€7,627.94, liema spiża tkopri spejjeż ta’ospitalità, transport, *office services* u *material and supplies.*
Seduta 258
15/07/2024

**REWS - KUMPANIJI TERZI AWTORIZZATI BIEX JAGĦMLU XOGĦOL TA’ BUNKERING**

**20719. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20324 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta’ awtorizzazzjonijiet li r-Regolatur għall-Enerġija u l-Ilma (REWS) ħarġet lil kumpaniji terzi biex jagħmlu xogħol f’isem dawk liċenzjati fis-settur tal-bunkering bejn l-2019 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-dati, l-isem tal-kumpaniji u f’isem liema liċenzja ngħatat din l-awtorizzazzjoni?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) ma ħareġ ebda awtorizzazzjoni lil kumpaniji terzi biex jagħmlu xogħol f'isem dawk liċenzjati fis-settur tal-bunkering bejn l-2019 u l-ġurnata tal-lum.

Seduta 258
15/07/2024

**REWS - KUMPANIJI LIĊENZJATI BIEX JAGĦMLU XOGĦOL TA' BUNKERING**

**20720. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20323 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kumpaniji liċenzjati mir-Regolatur għall-Enerġija u l-Ilma (REWS) biex jagħmlu xogħol ta' bunkering? Tista' tgħid ukoll jekk dawn il-kumpaniji liċenzjati jistgħux jikkuntrattaw lil xi kumpaniji oħra mhux liċenzjati (sub-contracting) biex jużaw il-liċenzja tagħhom u jagħmlu xogħol ta' bunkering f'isimhom?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra. Dawn il-kumpaniji liċenzjati ma jistgħux jikkuntrattaw lil xi kumpaniji oħra mhux liċenzjati (sub-contracting) biex jużaw il-liċenzja tagħhom u jagħmlu xogħol ta' bunkering f'isimhom.

Seduta 258
15/07/2024

**MOBC - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20721. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20322 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-MOBC, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-perjodu indikat ma sarux transazzjonijiet bejn l-MOBC, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom ingħataw separatament.

Seduta 258
15/07/2024

**ENEMED - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20722. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20321 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-Enemed, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaq li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra, ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemed għandha numru ta' kontrolli fis-seħħ biex tiżgura struttura soda ta' governanza u kontrolli biex tirregola l-proċess tal-akkwist tal-fjuwil. Fost oħrajn, wieħed mill-kontrolli li Enemed għandha fis-seħħ huwa proċess ta' diliġenza biex tiżgura li l-kumpaniji li tagħmel tranżazzjoni magħhom ma jkunux sanzjonati u jkunu ta' reputazzjoni tajba.

Seduta 258
15/07/2024

**ENEMALTA - TRANSAZZJONIJIET MA' KUMPANIJI**

**20723. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20320 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-transazzjonijiet li saru bejn l-Enemalta, jew kumpaniji sussidjarji tagħha, u l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż id-data tat-transazzjoni, in-natura u l-valur involut?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20724, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' pagamenti li saru mill-Korporazzjoni Enemalta fl-2013 lill-kumpaniji indikati. Ninsab infurmata li dawn il-pagamenti kienu jirreletaw ma' impenji li kienet ħadet il-Korporazzjoni qabel l-20 ta' Frar 2013, id-data ta' meta ċ-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ta' dak iż-żmien kien informa lill-kumpaniji indikati li fid-dawl tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, l-Enemalta tqis li ma jkunx floku li jsiru transazzjonijiet sakemm is-sitwazzjoni tiġi kjarifikata.

Seduta 258
15/07/2024

**ENEMALTA - KUMPANIJI BLACKLISTED**

**20724. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20319 u ċjoè: B'referenza għad-dikjarazzjoni li kien għamel il-Ministru responsabbli mill-Enemalta fis-sena 2014, u ċjoè li l-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament huma blacklisted, tista' l-Ministru tgħid jekk dan il-blacklisting għadux fis-seħħ, u jekk le meta tneħħa u għaliex?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'effett mill-20 ta' Frar 2013, iċ-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ta' dak iż-żmien kien informa lill-kumpaniji indikati li, fid-dawl tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, l-Enemalta tqis li ma jkunx floku li jsiru transazzjonijiet sakemm is-sitwazzjoni tiġi kjarifikata. Għalhekk ma saru ebda akkwisti minn tali kumpaniji ħlief li ngħalqu mpenji kummerċjali li kien hemm diġà. L-Enemalta waqqfet l-użu tal-Heavy Fuel Oil fl-2017 u għalhekk m'hemmx lok ta' akkwist mingħand dawn il-kumpaniji.

Seduta 258
15/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20729. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20730. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20731. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20732. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20733. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill Onor. Interpellant biex din il-mistoqsija tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20734. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista’ jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x’kienu r-raġunijiet li ngħataw f’każ ta’ talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 258
15/07/2024

**ĦANDAQ INDUSTRIAL ESTATE - TRIQ INDRI PSAILA U TRIQ JOHN MICHAEL TESTA - MANUTENZJONI**

**20747. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20318 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi u jgħid min hu inkarigat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta’ Triq Indri Psaila u Triq John Michael Testa fil-Ħandaq Industrial Estate?

09/07/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 258
15/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW OPERAZZJONI TAL-KATARRETTI**

**20748. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20244 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew operazzjoni tal-katarretti?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20465.

Seduta 258
15/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW OPERAZZJONI TA' KNEE REPLACEMENT**

**20749. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20245 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew operazzjoni ta' knee replacement?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hawn 1460 persuni li qed jistennew appuntament għall-operazzjoni ta’ knee replacement u li ilhom aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk il-persuni li l-perjodu ta’ stennija qabeż dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent qed jingħataw preferenza biex l-operazzjoni ssir f’Mater Dei jew fi sptar privat fl-iqsar żmien possibbli. F’kull każ fejn l-operazzjoni ssir fi sptar privat, din titħallas mill-Gvern.

Seduta 258
15/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW OPERAZZJONI TA' HIP REPLACEMENT**

**20750. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20246 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew operazzjoni ta' hip replacement?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hawn 240 persuni li qed jistennew appuntament għall-operazzjoni ta’ hip replacement u li ilhom aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk il-persuni li l-perjodu ta’ stennija qabeż dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent qed jingħataw preferenza biex l-operazzjoni ssir f’Mater Dei jew fi sptar privat fl-iqsar żmien possibbli. F’kull każ fejn l-operazzjoni ssir fi sptar privat, din titħallas mill-Gvern.

Seduta 258
15/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW MRI**

**20751. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20247 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew MRI?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19732.

Seduta 258
15/07/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW CT SCAN**

**20752. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20248 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew CT Scan?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19736.

Seduta 258
15/07/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - PROMOTIONAL FILM - NEFQA**

**20756. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jgħid kemm sewa l-promotional film li dehru fih il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, u li ntwera privatament fil-Mediterrane Film Festival?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - PROMOTIONAL FILM**

**20757. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti l-pubblikazzjoni sħiħa tal-film promozzjonali li fih dehru l-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, u li ntwera privatament fil-Mediterrane Film Festival?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**FILM PROMOZZJONALI BL-ISEM 'ONCE UPON A TIME IN MALTA' – ĦLAS GĦALL-ATTUR**

**20758. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament tħallasx għall-irwol tiegħu bħala attur fil-film promozzjonali 'Once Upon A Time In Malta'? Jekk iva, kemm tħallas?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija ma tħallasx.

Seduta 258
15/07/2024

**FILM PROMOZZJONALI BL-ISEM 'ONCE UPON A TIME IN MALTA' - DIRETTUR BARRANI**

**20759. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex impjegat direttur barrani għall-film promozzjonali 'Once Upon A Time In Malta'?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**FILM PROMOZZJONALI BL-ISEM 'ONCE UPON A TIME IN MALTA' - CREW MEMBERS MALTIN U BARRANIN**

**20760. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il crew member Malti u kemm-il crew member barrani ġie impjegat għall-film promozzjonali 'Once Upon A Time In Malta'?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**FILM PROMOZZJONALI BL-ISEM 'ONCE UPON A TIME IN MALTA' - TRAILER PERSONALI**

**20761. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, kellux trailer personali għall-film promozzjonali 'Once Upon A Time In Malta' u kemm dan ġie jiswa?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f’seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IKEL U FUQ TAKE-AWAYS - INFIQ**

**20763. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20517 u jgħid kemm intefqu flus fuq ikel u fuq take-aways mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn Jannar 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

10/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI**

**20764. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20584 u jgħid kemm-il persuna taħdem f’kull entità li taqa’ taħtu? Jista’ jindika t-titlu tax-xogħol, is-salarju, l-allowances u l-pakketti finanzjari u allowances oħra ta’ kull persuna?

10/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li jeħtieġ ammont konsiderevoli ta’ ħin u riżorsi sabiex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellanta. Fl-assenza ta’ raġuni valida għaliex l-Onor. Interpellanta tixtieq tingħata din l-informazzjoni, ikun iktar għaqli li l-ħin u r-riżorsi utilizzati għal dan il-għan, minflok jiġu utilizzati fuq xogħol aktar effettiv u produttiv għall-ġid ta’ pajjiżna.

Seduta 258
15/07/2024

**ONCE UPON A TIME IN MALTA – BAĠIT ALLOKAT**

**20765. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20572 u jgħid x'kien il-baġit allokat u n-nefqa għall-film qasir bit-titlu Once Upon A Time in Malta li nħadem għall-introduzzjoni tal-Malta Golden Bee Awards li ħadu sehem fih il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament? Jista’ jgħid ukoll jekk dan il-film kienx maħdum minn production company Maltija u jekk kienx hemm open call għalih?

10/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f’seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**GOLDEN BEE AWARDS - KRITERJI GĦAL GĦAŻLA TAN-NOMINI**

**20766. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20570 u jgħid fuq liema kriterji ntgħażlu n-nomini tal-films għall-Golden Bee Awards u jgħid jekk ħarġitx call for interest biex wieħed japplika kemm għall-films barranin u dawk Maltin?

10/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**NEW WATER**

**20768. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġie prodott New Water fis-sena, għal dawn l-aħħar snin minn meta nbeda dan il-proċess? Tista' tgħid ukoll kemm minnu ġie użat mill-bdiewa għall-użu agrikolu u x'sar minn dak li ma ġiex użat?

10/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fl-aħħar sentejn, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma forniet kull sena 1.6 miljun metru kubu ta' New Water lill-bdiewa. Minbarra li huwa sors ta' ilma ta' kwalità tajba ħafna għat-tisqija tal-uċuħ tar-raba', in-New Water qed jgħin ukoll biex itaffi l-pressjoni fuq l-ilma tal-pjan. Filwaqt li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma timxi b'għaqal kbir fil-produzzjoni tan-New Water u għaldaqstant tassigura li l-produzzjoni tirrifletti d-domanda, huwa importanti li dan jiġi ttrattat bħala riżors importanti li m'għandux jinħela. Il-bdiewa li jagħmlu użu minnu għandhm jaraw li dan l-ilma jintuża b'mod responsabbli u għaqli u għall-iskop li jkunu applikaw għalih. Qed inpoġġi l-kumplament tal-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 258
15/07/2024

**SUMMER CATCH UP CLASSES - REKWIŻITI BIEX JINTGĦAŻLU L-GĦALLIEMA**

**20771. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti u kif jintgħażlu l-għalliema biex jgħallmu s-summer catch up classes? Jista' jgħid għaliex għalliema kwalifikati skont it-talba, ma jintgħażlux? Jista' jgħid ukoll kif ikunu notifikati għalliema magħżula u oħrajn le?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għalliema tas-Summer Catch Up classes ġew ingaġġati skont sejħa li ħarġet April ta' din is-sena. Ir-rekwiżiti tas-sejħa kienu skont hawn taħt:
i. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;
ii. huma Għalliema/ Instructors/ Għalliema Supplimentari fil-pussess ta' Warrant ta' Għalliema (Permanenti/ Temporanju); u
iii. ikollhom esperjenza ta' tagħlim fis-suġġett /qasam li għalih saret l-applikazzjoni fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja. Jistgħu japplikaw ukoll l-applikanti li jgħallmu fl-Iskejjel Primarji (inkluż l-Għalliema Kumplimentari u l-Appoġġ tal-Litteriżmu).

Infurmat li kemm l-għalliema magħżula kif ukoll dawk li ma ġewx mgħażula ġew ikkuntattjati.

Seduta 258
15/07/2024

**FTEHIM SETTORJALI - ONE-TIME BONUS**

**20772. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema perjodu se jkun qed jingħata l-€1,000 one-time bonus lill-għalliema u lill-edukaturi kollha ladarba l-Ftehim Settorjali jkun iffirmat?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-cash payment ta' darba mistenni jingħata mal-payroll li jmiss.

Seduta 258
15/07/2024

**SDP - SESSJONIJIET**

**20773. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk mis-sena skolastika li jmiss hux se jerġgħu jibdew is-sessjonijiet ta' SDP fl-iskejjel?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sessjonijiet tal-SDP ikunu jistgħu jerġgħu jibdew fl-iskejjel mis-sena skolastika li jmiss kemm-il darba d-Direttiva f'dan ir-rigward taqa'.

Seduta 258
15/07/2024

**SKEJJEL STATALI - LIVELL PRIMARJU - GĦALLIEMA LI RRIŻENJAW FL-AĦĦAR TERM SKOLASTIKU**

**20774. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw għalliema matul l-aħħar term skolastiku u li kienu jgħallmu fil-livell primarju fl-iskejjel statali?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**SKEJJEL STATALI - LIVELL MEDJU U SEKONDARJU - GĦALLIEMA LI RRIŻENJAW FL-AĦĦAR TERM SKOLASTIKU**

**20775. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw għalliema matul l-aħħar term skolastiku u li kienu jgħallmu fil-livell medju u sekondarju fl-iskejjel statali?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL BALZAN - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**20777. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tat-toroq li hemm maqlugħa f'Ħal Balzan li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha, maqsuma triq, triq? Tista' tgħid meta se jkunu lesti? Tista' tgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali hux qed ikun infurmat jum b'jum dwar dawn ix-xogħlijiet?

10/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li bħalissa m'hemmx toroq maqlugħa f'Ħal Balzan min-naħa tal-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Seduta 258
15/07/2024

**SPTAR MATER DEI - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20808. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor, li huma ingaġġati mal-Isptar Mater Dei?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li persuni li huma ngaġġati mas-Servizz Pubbliku jkollhom iċ-ċertifikati awtentikati waqt il-proċess tal-selezzjoni.

Seduta 258
15/07/2024

**SPTAR KARIN GRECH - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20809. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor, li huma ingaġġati mal-Isptar Karin Grech?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808.

Seduta 258
15/07/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20810. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor, li huma ingaġġati mal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808.

Seduta 258
15/07/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAUL - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20811. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor, li huma ingaġġati mal-Faċilità San Vinċenz de Paul?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808.

Seduta 258
15/07/2024

**BEREĠ TAS-SAĦĦA - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20812. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ingaġġati mad-diversi Bereġ tas-Saħħa (polyclinics) f'Malta u Għawdex?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808.

Seduta 258
15/07/2024

**DJAR TAL-ANZJANI - ĊERTIFIKATI TAL-ĦADDIEMA**

**20813. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli biex jawtentika ċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ingaġġati mad-diversi Djar tal-Anzjani f'Malta u Għawdex?

11/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808.

Seduta 258
15/07/2024

**PASSAPORT DIPLOMATIKU MALTI**

**20814. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 19754, 20236 u 20475 u jagħti lista ta' persuni li f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom il-passaport diplomatiku Malti, maqsuma sena b'sena?

11/07/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari għadha qed tkun imħejjija.

Seduta 258
15/07/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - CEOS U L-MEMBRI FI ĦDAN IL-BORDIJIET**

**20815. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' CEOs u membri fi ħdan il-bordijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu? Jista' jagħti l-ħlas, l-perkaċċi u l-perjodu tal-ħatra ta' dawn is-CEOs u l-membri f'dawn il-bordijiet?

11/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fejn ikun applikabli l-bordijiet jiġu komposti skont ir-rekwiżiti maħruġa mil-liġi jew terms of reference tal-bord innifsu. Filwaqt li r-remunerazzjoni tal-bordijiet jingħataw skont il-Manwal tal-kategorizzazzjoni, klassifikazzjoni u r-remunerazzjoni tal-bord u l-kumitati maħtura mill-Gvern.

Seduta 258
15/07/2024

**EVICTION ORDERS ATTIVI**

**20816. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18854 u jippreżenta lista tal-eviction orders li għadhom attivi u li turi d-dati ta' meta nħarġu dawn l-ordnijiet?

11/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 258
15/07/2024

**TENDER - WSC/T/118/2023**

**20817. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ix-xogħlijiet li nħareġ it-tender għalihom (WSC/T/118/2023) għadhomx ippjanati li jsiru u jekk iva, meta se jibdew u kemm għandhom jieħdu żmien?

11/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li qed issir referenza għalihom għadhom ippjanati li jsiru u diġà ġew ikkuntrattati. Iżda minħabba li Birżebbuġa hija meqjusa bħala żona turistika dawn ix-xogħlijiet mistennija jinbdew wara li jgħaddi s-sajf u huwa stmat li jieħdu madwar sena biex jitlestew.

Seduta 258
15/07/2024

**SAN ĠILJAN - ŻBROFF TA' DRENAĠĠ FIL-BAJJA TA' SAN ĠORĠ - XOGĦLIJIET**

**20818. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Wara li l-bajja ta' San Ġorġ, f'San Ġiljan kellha tingħalaq darbtejn mill-bidu tas-sajf minħabba żbroff ta' drenaġġ, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li jsiru xogħlijiet ta' upgrade tas-sistema ta' drenaġġ f'dawn l-inħawi, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti relatati ma' dan l-upgrade?

11/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kinitx responsabbli għan-nuqqasijiet li wasslu għall-għeluq tal-bajja ta' San Ġorġ. Dan l-egħluq ma kienx ikkawżat minn problemi fis-sistema u n-network tad-drenaġġ tal-istess Korporazzjoni. Il-problema hawnhekk kienet ġejja minn problema f'sistema tad-drenaġġ privat u ġiet inidirizzata.

Bħal kull żona oħra fin-network kemm tal-ilma u kif ukoll tad-drenaġġ, il-Korporazzjoni kontinwament tistudja u tfassal pjanijiet ta' tisħiħ skont id-domanda eżistenti u dik futura. Matul l-2022 sar investiment ta' €21.2 miljun f'upgrades li €7.2 miljuni minnhom kienu jinvolvu tisħiħ fin-network. Waqt li fl-2023 sar investiment ieħor ta' €26.1 miljun f'upgrades li €10.8 miljuni minnhom ukoll saru f'dak li huwa tisħiħ tan-network.

F'Jannar li għadda l-Korporazzjoni nediet Pjan ta' Investiment Nazzjonali komprensiv ta' €310 miljun immirat lejn il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ilma u d-drenaġġ fil-pajjiż. Pjan ambizzjuż li fil-qasam tad-drenaġġ għandu €48.4 miljun allokati għal rinovazzjoni fin-network u €85.5 miljun f'upgrades.

Dan il-pjan jinkludi t-titjib u l-espansjoni tal-faċilitajiet ta' trattament tad-drenaġġ biex tiżdied il-kapaċità u l-effiċjenza; titjib tan-network tad-drenaġġ biex jiġu evitati blokki u jsir titjib fil-prestazzjoni ġenerali; u titjib tal-inizjattivi ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tad-drenaġġ fi New Water biex nappoġġjaw lill-bdiewa tagħna u s-sostenibbiltà ambjentali.

Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, l-Korporazzjoni diġà investiet €15-il miljun f'upgrades li €6 miljun kienu jinvolvu tisħiħ fin-network.
Seduta 258
15/07/2024

**BIRŻEBBUĠA - BAJJA TAL-QAJJENZA - OIL SPILL**

**20819. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Wara li fl-aħħar ġimgħat kien hemm oil spill fil-bajja tal-Qajjenza, f'Birżebbuġa, tista' l-Ministru tgħid x'testijiet saru biex jinstab is-sors tal-ispill, jekk instabx is-sors, u x'qiegħed isir biex dan ma jerġax jiġri?

11/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) rċeviet żewġ ilmenti rigward żejt fil-baħar fiż-żona tal-Qajjenza. Minn spezzjoni li saret fis-sit ġiet osservata roqgħa żejt fil-baħar viċin tax-xatt. L-ERA kkordinat mal-Awtorità għat-Trasport biex jiġi identifikat is-sors, fejn rriżulta li kien probabbli ħafna li s-sors kien skarigu minn xi bastiment, li mbagħad resaq viċin ix-xatt bil-mewġ. Il-prijorità tal-Awtorità kienet li jsir it-tindif ta' dan iz-zejt biex jitnaqqsu r-riskji ambjentali. L-ERA kkordinat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex isir it-tindif.
Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL FAR - TRIQ ĦAL FAR U Ż-ŻONA TA' ĦAL BLANDUN - XOGĦLIJIET**

**20820. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta se jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Ħal Far, f'Ħal Far u fiż-żona ta' Ħal Blandun?

11/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 258
15/07/2024

**ĦAL FAR U ĦAL BLANDUN - NEW WATER**

**20821. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta hemm il-ħsieb li jitwassal in-new water fl-inħawi ta' Ħal Far u Ħal Blandun u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta ta' kif se tkun is-sistema tad-distribuzzjoni fl-inħawi?

11/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 258
15/07/2024